# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016

Talba numru: 397/2016AM

Numru fuq l-lista: 07

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu**
**Marsa**
**MRS1501**

**Vs**

**Christina Zammit (K.I. 20691M)**
**L'Hirondelle, Flat 3,**
**Triq il-Mosta,**
**San Pawl il-Bahar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta ghas-somma ta' elf u tmienja u

ghoxrin ewro u ghaxar centezmu (€1028.10c) in konessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40346676.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il- konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, il-konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-Socjeta' attrici a fol 11 tal-process li permezz taghha rriduciet it-talba ghas-somma ta' tmien mija tmienja u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€828.10c)

Ra l-provi migbura mis-Socjeta' attrici fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 f'liema seduta s-Socjeta attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Ra li l-konvenuta imsejjha tlett darbiet fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 regghet ma dehritx u ghaldaqstant dan it-Tribunal ddikjara l-provi maghluqa u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta′ attriċi s-somma ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€828.10c) bilanc ta' somma akbar, bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Jannar, 2016 data tal-prezentata tal-ittra ufficjali 139/16.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**